



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2011/0360(COD)**

27.4.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu  
(COM(2011)0746 – C7-0419/2011 – 2011/0360(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sebastian Valentin Bodu

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur tagħkom hu tal-fehma li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jipprovdu opinjonijiet li jħarsu 'l quddiem u riċerka dwar ir-riskju tal-kreditu, u jaqdu rwol ta' siwi fis-swieq finanzjarji għax jipprovdu punt ta' referenza li jinftiehem malajr minn dawk li jipparteċipaw fis-swieq, bħalma huma l-investituri f'impriżi ta' investment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u f'fondi ta' investment alternattiv (AIFs).

Madankollu, huma l-UCITS u l-AIFs infushom li jmisshom jivvalutaw l-opinjonijiet maħruġa mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u jiġġudikaw huma rigward il-kreditu, u b'hekk jieħdu pożizzjoni dwar jekk għandhomx jaqblu jew le mal-opinjonijiet tal-aġenziji. F'dan ir-rigward, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu huma importanti għas-swieq għax taw prova li huma valutazzjonijiet siewja tas-suq tal-kreditu. Madankollu, huma ma għandhomx jiġu interpretati bħala l-uniċi arbitri tar-riskju tal-kreditu.

Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu huma biss opinjonijiet dwar ir-riskju relattiv futur tal-kreditu ta' entitajiet, impenji ta' kreditu, jew dejn jew titoli li jixbhu d-dejn u huma kejl utli tal-affidabbiltà kreditizja futura. Huma ma jkejlu l-ebda riskju ieħor, u bħala tali ma għandhom jiġu utilizzati bħala sostituzzjoni għall-ivvalutar tal-karatteristiċi oħra ta' titolu li fih jinvestu l-UCITS u l-AIFs, bħalma huma r-riskju ta' likwidità, il-volatilità tal-prezzijiet u l-kummerċjabilità.

Ir-rapporteur tagħkom barra minn hekk iqis li għarfien u utilizzazzjoni uffiċjali tal-klassifikazzjonijiet jistgħu jwasslu għal tagħwiġ fin-negozju tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. L-inkorporazzjoni mifruxa ħafna tal-klassifikazzjonijiet għal ġo strumenti legali bħalma huma d-direttivi dwar l-UCITS u l-AIFs tista' taffettwa l-mod kif il-klassifikazzjonijiet jiġu utilizzati minn entitajiet regolati, il-bażijiet li fuqhom il-manigera ta' tali entitajiet jagħżlu tali aġenziji u l-modi kif l-aġenziji jikkompetu ma' xulxin.

Li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jiġu inkorporati waħedhom b'mod dirett fis-sistema tas-sorveljanza tal-UCITS u l-AIFs joħloq inċentivi biex dawk li jipparteċipaw fis-swieq jenfasizzaw iż-żejjed l-opinjonijiet tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minflok ma jmexxu huma stess l-analizzijiet tagħhom tal-kreditu. Meta jitqies dak li jissema hawn fuq, ir-rapporteur tagħkom jappoġġja lil din il-proposta leġiżlattiva mressqa mill-Kummissjoni Ewropea.

## EMENDA

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Effett tal-kriżi finanzjarja kien li l-investituri, inklużi l-UCITS u l-AIFs, jiddependu b'mod eċċessiv fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu biex jagħmlu l-investimenti tagħhom fuq l-istrumenti tad-dejn, mingħajr ma neċessarjament iwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom tal-affidabbiltà kreditizja tal-emittenti ta' dawn l-istrumenti tad-dejn. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-investimenti magħmula mill-UCITS u mill-AIFs u, għalhekk, sabiex jiġu protetti l-investituri f'dawk il-fondi, huwa xieraq li l-persuni li jiġġestixxu l-UCITS u l-AIFs jintalbu jevitaw li jiddependu b'mod esklussiv u awtomatiku fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni meta jivvalutaw ir-riskju involut fl-investimenti magħmula mill-UCITS u l-AIFs li jiġġestixxu. ***Il-prinċipju ġenerali dwar l-evitar ta' dipendenza eċċessiva fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni għandu għalhekk jiġi integrat fil-proċessi u s-sistemi tal-ġestjoni tar-riskji tal-manigera tal-UCITS u tal-AIFs, u jiġi adattat għall-ispeċifità tagħhom.***

*Emenda*

(2) Effett tal-kriżi finanzjarja kien li l-investituri, inklużi l-UCITS u l-AIFs, jiddependu b'mod eċċessiv fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu biex jagħmlu l-investimenti tagħhom fuq l-istrumenti tad-dejn, mingħajr ma neċessarjament iwettqu l-valutazzjonijiet tagħhom tal-affidabbiltà kreditizja tal-emittenti ta' dawn l-istrumenti tad-dejn. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-investimenti magħmula mill-UCITS u mill-AIFs u, għalhekk, sabiex jiġu protetti l-investituri f'dawk il-fondi, huwa xieraq li l-persuni li jiġġestixxu l-UCITS u l-AIFs jintalbu jevitaw li jiddependu b'mod esklussiv u awtomatiku fuq klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni meta jivvalutaw ir-riskju involut fl-investimenti magħmula mill-UCITS u l-AIFs li jiġġestixxu. ***Għal din ir-raġuni, il-proċessi u s-sistemi interni tal-ġestjoni tar-riskji tal-manigera tal-UCITS u tal-AIFs għandhom jiġu żviluppati u jiġi adottat il-prinċipju ġenerali dwar l-evitar ta' dipendenza eċċessiva minn klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni.***

## PROĊEDURA

|   |   |
|---|---|
| <b>Titolu</b>   | Il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-imprezi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) u d-Direttiva 2011/61/UE dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi fir-rigward tad-dipendenza eċċessiva fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu  |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2011)0746 – C7-0419/2011 – 2011/0360(COD)   |
| <b>Kumitat responsabbli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja                   | ECON<br>30.11.2011  |
| <b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>30.11.2011  |
| <b>Rapporteur(s)</b><br>Data tal-ħatra  | Sebastian<br>Valentin Bodu<br>19.12.2011  |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 26.4.2012   |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | +: 22<br>–: 2<br>0: 0   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>  | Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Antonio López-Istúriz White, Jiří Maštálka, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                   | Piotr Borys, Sergio Gaetano Cofferati, Vytautas Landsbergis, Eva Lichtenberger, Axel Voss   |
| <b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>         | Karin Kadenbach   |